

**Kwittanza 2005: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**

**1. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0394/2006 – 2006/2161(DEC))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 – C6-0080/2007),
- wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>3</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini<sup>4</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 68 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002<sup>5</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0099/2007),

1. Jagħti lid-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kwittanza għall-

---

<sup>1</sup> ĠU C 266, 31.10.2006, p. 4.

<sup>2</sup> ĠU C 312, 19.12.2006, p. 12.

<sup>3</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

<sup>4</sup> ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

<sup>5</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2005;

2. Jistabilixxi l-osservazzjonijiet tiegħu fir-risoluzzjoni hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-risoluzzjoni li tiffirma parti integrali tagħha lid-direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, l-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri, u sabiex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

**2. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 dwar l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0394/2006 – 2006/2161(DEC))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-data 27 ta' Frar 2007 (5711/2007 – C6-0080/2007),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>3</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini<sup>4</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 68 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002<sup>5</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0099/2007),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini huma preżentati kif ġej:

---

<sup>1</sup> ĠU C 266, 31.10.2006, p. 4.

<sup>2</sup> ĠU C 312, 19.12.2006, p. 12.

<sup>3</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.Regolament emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

<sup>4</sup> ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.Regolament emendat mir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

<sup>5</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

**Kont ta' dħul u nfiq għas-snin finanzjarji 2004 u 2005 (f'eluf ta' Euro - EUR 1000)**

	2005	2004
<b>Dħul</b>		
Spejjeż marbuta ma' awtorizzazzjonijiet ta' marketing	72 613	68 412
Sussidju tal-Kummissjoni inkluż il-kontribuzzjonijiet irċevutu mill-EE	22 847	20 529
Sussidju Komunitarju għal mediċini orfni	6 110	4 026
Kontribuzzjonijiet għal programmi Komunitarji	0	0
Dħul amministrattiv	3 423	1 973
Dħul varju	1 643	1 473
<b>Total (a)</b>	106 636	96 413
<b>Nefqa</b>		
Nefqa ta' l-istaff	40 057	34 333
Nefqa amministrattiva	17 022	11 224
Nefqa tat-tħaddim	41 999	38 573
Deprezzament	5 333	3 650
Spejjeż oħra	104	280
<b>Total (b)</b>	104 515	88 060
<b>Riżultat operattiv (c = a-b)</b>	2 121	8 353
<b>Riżultat finanzjarju (e)</b>	2 257	1 160
<b>Riżultat Ekonomiku (f = c+e)</b>	4 378	9 513

Sors: Informazzjoni ta' l-Aġenzija - Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha.

- Japprova l-għeluq tal-kontijiet ta' l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005;
- Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje L).

**3. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' April 2007 b'osservazzjonijiet li jiffurmaw parti mid-Deċiżjoni ta' kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005 (C6-0394/2006 - 2006/2161 (DEC))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2005, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Aġenzija<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2007 (5711/2007 – C6-0080/2007),
  - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 276 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini<sup>4</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002<sup>5</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0099/2007),
- A. billi l-Qorti ta' l-Awdituri stqarret li hija kisbet assigurazzjoni raġjonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu affidabbli u li t-tranżazzjonijiet li jaqgħu taħthom, fis-sħuħija tagħhom, kienu legali u regolari,

---

<sup>1</sup> ĠU C 266, 31.10.2006, p. 4.

<sup>2</sup> ĠU C 312, 19.12.2006, p. 12.

<sup>3</sup> ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 1).

<sup>5</sup> ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- B. billi fis-27 ta' April 2006 il-Parlament ta' kwittanza lid-direttur rigward l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2004<sup>1</sup> u fir-riżoluzzjoni li takkumpanja d-deċiżjoni tal-kwittanza tal-Parlament, inter alia
- jinnota li s-sejba tal-Qorti ta' l-Awdituri li l-kuntratti konklużi ma' banek ilhom fis-seħħ għal iktar minn ħames snin, bi ksur tar-regoli ta' implimentazzjoni tar-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija, li jirrikjedu sejħa ġdida għal offerta ta' l-anqas darba kull ħames snin; jinnota li t-tweġiba ta' l-Aġenzija, li tispjega r-raġunijiet għad-dewmien biex toħroġ sejħa għal offerta, u tispjega l-benefiċċi miksuba permezz ta' negozjar dirett mal-bank, u ser jibqa' jiftakar dan meta jiġi biex jikkunsidra r-reviżjonijiet tar-Regolament Finanzjarju;
  - juri li l-leġislazzjoni l-ġdida għall-farmaċewtiċi, li ġiet adottata fl-2004, kellha impatt konsiderevoli fuq ix-xogħol u l-istrutturi maniġerjali ta' l-Aġenzija;

***Punti ġenerali dwar il-maġġoranza ta' l-Aġenziji ta' l-UE li jirrikjedu kwittanza individwali***

1. Iqis li n-numru dejjem jikber ta' Aġenziji tal-Komunità u l-attivitajiet ta' xi wħud minnhom ma jidhirx li jiffurmaw parti minn qafas ta' politika ġenerali, u li l-mandati ta' xi Aġenziji mhux dejjem jirriflettu l-bżonnijiet reali ta' l-Unjoni jew l-istennijiet taċ-ċittadini tagħha, u jinnota li f'termini ġenerali l-Aġenziji mhux dejjem ikollhom immaġini tajba jew stampa tajba;
2. Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi qafas politiku ġenerali għat-twaqqif ta' Aġenziji Komunitarji ġodda u sabiex tippreżenta studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji qabel ma titwaqqaf aġenzija ġdida, filwaqt illi toqgħod attenta li tevita rduppjar fl-attivitajiet bejn l-Aġenziji jew mal-mandati ta' organizzazzjonijiet Ewropej oħra;
3. Jistaqsi lill-Qorti ta' l-Awdituri biex tagħti l-opinjoni tagħha rigward l-istudju dwar ir-relazzjoni bejn il-benefiċċju u l-ispejjeż qabel il-Parlament jieħu deċiżjoni;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull ħames snin tippreżenta studju dwar il-valur miżjud ta' kull Aġenzija eżistenti; Jistieden lill-istituzzjonijiet rilevanti, fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva tal-valur miżjud ta' Aġenzija, sabiex jieħdu l-passi kollha meħtieġa billi jiformolaw mill-ġdid il-mandat ta' dik l-Aġenzija jew billi jagħlquha;
5. Iqis li, tenut kont tan-numru dejjem jikber ta' aġenziji ta' regolamentazzjoni, huwa dispjaċut li n-negozjati fir-rigward ta' l-abbozz ta' ftehim interistituzzjonali dwar il-qafas operattiv ta' dawn l-aġenziji għadhom ma ntemmux u jistieden lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni, sabiex jagħmlu dak kollu li jistgħu, flimkien mal-Qorti ta' l-Awdituri, sabiex dan il-ftehim jiġi konkluż malajr;
6. Jinnota li r-responsabbiltà baġitarja tal-Kummissjoni titlob li jsiru rabtiet iktar stretti bejn l-Aġenziji u l-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jagħtu lill-Kummissjoni minoranza li tibblokka fil-korpi ta' sorveljanza ta' l-Aġenziji ta' regolamentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2007 u sabiex jipprovdur għal din il-minoranza sa mill-bidu meta jkun qed jitwaqqfu Aġenziji ġodda;

---

<sup>1</sup> ĠU L 340, 6.12.2006, p. 107.

7. Jistieden mill-Qorti ta' l-Awdituri biex toħloq kapitlu ieħor fir-Rapport Annwali tagħha, li jkun dwar l-Aġenziji li għandhom jingħataw kwittanza skond il-kontijiet tal-Kummissjoni sabiex ikun hemm stampa aktar ċara ta' l-użu tal-fondi ta' l-UE mill-Aġenziji;
8. Ifakkar il-prinċipju skond liema l-Aġenziji kollha tal-Komunita', kemm jekk issussidjati kif ukoll jekk le, huma suġġetti għal kwittanza mill-Parlament, anke meta jkun hemm awtorita' ta' kwittanza minħabba t-testi kostituttivi tagħhom;
9. Jistieden lill-Qorti ta' l-Awdituri tagħmel verifiki tal-prestazzjoni għall-Aġenziji kollha u tirrapporta lura lill-kumitati rilevanti tal-Parlament, inkluż lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;
10. Jinnota li n-numru ta' Aġenziji qiegħed dejjem jikber u li, skond ir-responsabbiltà politika tal-Kummissjoni għat-tħaddim ta' l-Aġenziji, li tmur ferm lil hinn s-sempliċi appoġġ loġistiku, hemm bżonn saħansitra ikbar li d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni inkarigati mit-twaqqif u l-monitoraġġ ta' l-Aġenziji jiżviluppaw approċċ komuni għall-Aġenziji; jikkunsidra li struttura simili għal dik maħluqa mill-Aġenziji għall-koordinament fost id-DGs konċernati jkun mod pragmatiku lejn metodu komuni tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet kollha relatati ma' l-Aġenziji;
11. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb l-appoġġ amministrattiv u tekniku għall-Aġenziji, filwaqt li tiġi meqjusa l-komplessità dejjem akbar tar-regoli amministrattivi u problemi tekniċi tal-Komunità;
12. Jinnota n-nuqqas ta' korp dixxiplinarju fl-Aġenziji kollha tal-Komunita', u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiegħu l-passi neċessarji ħalli tiżgura li dan il-mekkaniżmu jiġi implimentat malajr;
13. Jilqa' t-titjib konsiderevoli fil-koordinazzjoni fost l-Aġenziji, li tippermettilhom li jaħdmu fuq problemi rikorrenti u li tagħmel il-koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Parlament aktar effiċjenti;
14. Huwa ta' l-opinjoni illi t-twaqqif ta' servizz ta' appoġġ minn numru ta' Aġenziji bil-għan illi jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni finanzjarja kompjuterizzata tagħhom konsistenti ma' dawk tal-Kummissjoni hija miżura li għandha titkompla u tiġi estiża;
15. Jistieden lill-Aġenziji sabiex itejbu l-koperazzjoni u l-istandards mal-partijiet fil-qasam; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tadotta kull miżura li hija tqis bħala neċessarja biex tgħin lill-Aġenziji ħalli jtejjbu l-immaġini tagħhom u jgħollu l-profil ta' l-attivitajiet tagħhom;
16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħroġ bi proposta għall-armonizzazzjoni tal-format tar-rappurtaġġ annwali mill-Aġenziji sabiex jiġu żviluppanti indikaturi ta' prestazzjoni li jippermettu li jkun hemm paragun ta' l-effiċjenza tagħhom;

17. Jistieden lill-Aġenziji sabiex fil-bidu ta' kull sena jippreżentaw indikaturi ta' prestazzjoni li magħhom jistgħu jkunu mkejla;
18. Jistieden lill-Aġenziji kollha sabiex jużaw dejjem aktar objettivi li jkunu SMART, li għandhom iwasslu għal tfassil u implimentazzjoni aktar realistiċi ta' l-għanijiet;
19. Jaqbel mal-Qorti ta' l-Awdituri li l-Kummissjoni hija wkoll responsabbli għall-immaniġġjar (finanzjarju) ta' l-aġenziji; għalhekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmoniterja u, fejn ikun meħtieġ, tmexxi u tgħin l-immaniġġjar ta' l-aġenziji differenti, speċjalment fir-rigward ta' l-applikazzjoni xierqa tal-proċeduri tat-tfiġh ta' offerti, it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ, l-immaniġġjar finanzjarju sod (nuqqas ta' nfiq u bbaġitjar żejjed) u l-iktar importanti l-applikazzjoni xierqa tar-regoli dwar il-qafas ta' kontroll intern;
20. Jikkunsidra li l-programmi ta' ħidma ta' l-Aġenziji għandhom jesprimu l-kontribuzzjonijiet tagħhom f'termini operattivi u li jistgħu jitkejlu u li tingħata l-konsiderazzjoni xierqa lill-Istandards ta' Kontroll Interni tal-Kummissjoni;

### ***Punti Speċifiċi***

21. Jinnota li l-implimentazzjoni tal-baġit, ir-rati ta' l-utilizzazzjoni għal approprjazzjonijiet ta' impenn (94%) u l-ħlas ta' l-appropriazzjonijiet (82%) kienu ġeneralment għoljin, u li għan-nefqa amministrattiva (Titolu II) ir-rata ta' utilizzazzjoni għal approprjazzjonijiet ta' impenn kienet inqas minn 90%, b'iktar minn 40% ta' l-impjenji meħuda ġew trasferiti għas-sena finanzjarja ta' wara;
22. Jinnota li l-baġit ta' l-Aġenzija kiber konsiderevolment bejn l-2003 u l-2005 minħabba t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea u l-ħidmiet ġodda; huwa kuntent ħafna biż-żieda fl-appropriazzjonijiet għal-linja tal-baġit ta' Medicieni għal Mard Rari, u bl-implimentazzjoni sħiħa tagħha;
23. Jistieden lill-Aġenzija biex jiżguraw li l-membri ta' l-istaff bid-drittijiet ta' delegazzjoni biss jkollhom aċċess għas-sistema tal-kompjuter korrispondenti;
24. Jistieden lill-Aġenzija biex tintegra fil-kontijiet tagħha, l-fondi<sup>1</sup> miġbura mingħand Aġenziji u korpi oħra biex tiffinanzja servizz ta' appoġġ komuni għall-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni tal-immaniġġjar finanzjarju tagħhom;
25. Jitlob biex proċeduri ta' għoti ta' kuntratt għandhom ikunu trasparenti u jimxu mar-regoli ta' gwida anke fil-qasam ta' l-informatika teknoloġika;
26. Jistieden lill-Aġenzija biex tinforma lill-Parlament dwar sejħa għal offerta ġdida rigward kuntratti ma' banek skond ir-regoli standard kemm jista' jkun malajr;
27. Juri li l-leġiżlazzjoni l-ġdida għall-farmaċewtiċi, li ġiet adottata fl-2004, kellha impatt konsiderevoli fuq ix-xogħol, l-istrutturi ta' immaniġġjar u l-istaff ta' l-Aġenzija; jifraħ lill-Aġenzija talli rnexxielha tadatta għall-qafas regolatorju ġdid, li daħal fis-seħħ f'Novembru 2005;

---

<sup>1</sup> Madwar EUR 400 000.



28. Huwa kuntent bit-tneddija ta' "l-uffiċċju SME", li jipprovdi assistenza finanzjarja u amministrattiva lil kumpaniji ta' mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005<sup>1</sup>;
29. Jilqa' l-isforzi ta' l-Aġenzija biex tipprovdi parir iktar xjentifiku fl-istadji bikrija ta' l-iżvilupp ta' mediċini ġodda kif ukoll l-introduzzjoni ta' miżuri li jħaffu l-evalwazzjoni tal-mediċini li huma ta' importanza kritika għas-saħħa pubblika; jinnota x-xogħol li sar mill-Aġenzija biex tiffaċilita evalwazzjoni li ma ddumx ta' tilqimiet fil-każ ta' pandemija ta' l-influenza;
30. Jitlob li, qabel l-1 ta' Jannar 2010 u kull ħames snin wara din id-data, l-Aġenzija tikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti dwar il-kisbiet tagħha fuq il-bażi ta' l-ewwel Regolament u l-programmi ta' ħidma deċiżi mill-Bord tal-Maniġment; jitlob ukoll li fl-evalwazzjoni jiġu eżaminati wkoll il-prattiki ta' ħidma u l-impatt ta' l-Aġenzija u jiġu wkoll ikkunsidrati l-opinjoni tal-partijiet interessati, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll fuq dak nazzjonali; jitlob li l-Bord Maniġerjali ta' l-Aġenzija jeżamina l-konklużjonijiet ta' l-evalwazzjoni u jfassal abbozz ta' rakkomandazzjonijiet bħal dawn lill-Kummissjoni u lill-Parlament peress li jista' jkun neċessarju, fir-rigward ta' bidliet fl-Aġenzija, fil-prattiki ta' ħidma u fil-programmi tagħha, li l-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Parlament għandhom jiġu ppubblikati, pereżempju fuq il-websites tagħhom, u li l-Fondi meħtieġa biex titwettaq l-evalwazzjoni esterna għandhom jiġu allokati permezz ta' baġit tad-DĠ korrispondenti.

---

<sup>1</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2049/2005 tal-15 ta' Diċembru 2005 li jstipula, skond ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli rigward il-ħlas ta' ħlasijiet lil, u l-aċċettazzjoni ta' assistenza amministrattiva mingħand l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini minn intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju. (ĠU L 329, 16.12.2005, p. 4)